MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 525/2007

**Alberta Fire and Security Equipment Limited (C6606)**

**Vs**

**Ronald Azzopardi I.D. 700661(M) f'ismu u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Crown Hotels Limited (C22101)**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Gunju 2007, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u dsatax Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1019.70) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2007, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u dsatax Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1019.70).

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------